SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

2 ta’ Marzu 2017*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Direttiva 2002/15/KE — Protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema — Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol — Transport bit-triq — Ħaddiem mobbli — Sewwieq li jaħdem għal rasu — Kunċett — Inammissibbiltà”

Fil-Kawża C-97/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Juzgado de lo Social nº 3 de Barcelona (tribunal tax-xogħol ta’ Barcelona, Spanja), permezz ta’ deċiżjoni tat-2 ta’ Frar 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta’ Frar 2016, fil-proċedura

**José María Pérez Retamero**

vs

**TNT Express Worldwide SL,**

**Last Mile Courier SL**, li qabel kienet Transportes Saripod SL,

**Fondo de Garantía Salarial (Fogasa),**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn M. Berger, President tal-Awla, E. Levits u F. Biltgen (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal J. M. Pérez Retamero, minn J. Juan Monreal, avukat,

— għal TNT Express Worldwide SL, minn D. Fernández de Lis Alonso, avukat,

— għal Last Mile Courier SL, li qabel kienet Transportes Saripod SL, minn V. Domenech Huertas, avukat,

— għall-Gvern Spanjol, minn V. Ester Casas, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Hottiaux u J. Rius Riu, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(d) u (e) tad-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 224, u r-rettifika ĠU 2007, L 57, p. 28).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima bejn José María Pérez Retamero u Last Mile Courier SL, li qabel kienet Transportes Sapirod SL (iktar 'il quddiem "Sapirod"), kif ukoll TNT Express Worldwide SL (iktar 'il quddiem "TNT") fir-rigward tat-tkeċċija tiegħu minn Sapirod.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 4, 9 u 10 tad-Direttiva 2002/15 huma redatti kif ġej:

"(4) Huwa għalhekk meħtieġ li jkunu stabbiliti serje ta' dispożizzjonijiet aktar speċifiċi li jikkonċernaw is-sigħat tax-xogħol tat-trasport fit-toroq intiżi biex jassiguraw is-sigurtà tat-trasport u s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni involuti.

[…]

(9) Id-definizzjonijiet użati f'din id-Direttiva m'għandhomx jikkostitwixxu preċedent għal regolamenti oħra tal-Komunità dwar il-ħin tax-xogħol.

(10) Sabiex titjieb is-sigurtà tat-toroq, ikun ipprevenut it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u tiggarantixxi s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema mobbli koperti b'din id-Direttiva, dawn ta' l-aħħar għandhom ikunu jafu eżattament liema perjodi huma ddedikati għall-attivitajiet tat-trasport fit-toroq li jikkostitwixxu l-ħin tax-xogħol u li mhumiex u għalhekk huma meqjusa li huma ħinijiet ta' waqfien, ħinijiet ta' serħan jew perjodi ta' disponibbiltà. Dawn il-ħaddiema għandhom ikunu mogħtija l-perjodi minimi ta' serħan ta' kull jum u ta' kull ġimgħa, u waqfiet adekwati. Huwa wkoll meħtieġ li jitqiegħed limitu massimu fuq in-numru ta' sigħat tax-xogħol matul kull ġimgħa."

4 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/15, intitolat "Għan", jipprevedi:

"L-għan ta' din id-Direttiva għandu jkun li jistabbilixxi l-ħtiġijiet minimi b'relazzjoni ma' l-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol sabiex tittejjeb il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà ta' persuni li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq u biex tittejjeb is-sigurtà tat-triq u biex jitqabblu l-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni."

5 L-Artikolu 2(1) ta' din id-Direttiva jillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva għall-"ħaddiema mobbli impjegati minn impriżi stabbiliti fi Stat Membru, li jipparteċipaw fl-attivitajiet tat-trasport fit-toroq koperti bir-Regolament [tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, tal-20 ta' Diċembru 1985, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Volum 1, p. 319)] jew, f'nuqqas ta' dak, bil-[Ftehim Ewropew dwar

ix-Xogħol tal-Ekwipaġġ ta' Vetturi involuti fit-Trasport Internazzjonali fuq it-Triq (AETR)]" u, mit-23 ta' Marzu 2009, għas-"sewwieqa li jaħdmu għal rashom" li jieħdu sehem fl-istess attivitajiet ta' trasport.

6 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/15 jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

(d) 'ħaddiem mobbli' għandu jfisser kwalunkwe ħaddiem li jifforma parti minn persunal vjaġġanti, inklużi dawk waqt it-taħriġ u l-apprentisti, li jkunu fis-servizz ta' impriża li topera servizzi tat-trasport għall-passiġġieri jew għall-merkanzija bit-triq għal kiri jew għall-qligħ jew għall-akkont tiegħu;

(e) 'sewwieq li jaħdem għal rasu' għandu jfisser kwalunkwe bniedem li l-okkupazzjoni ewlenija tiegħu hija li jittrasporta passiġġieri jew merkanzija fir-toroq għall-kiri jew għall-qligħ fil-qofol tat-tifsira tal-leġislazzjoni tal-Komunità permezz tal-koperta ta' liċenzja tal-Komunità jew ta' xi awtorizzazzjoni professjonali oħra biex iwettaq it-trasport imsemmi qabel, li huwa intitolat li jaħdem għal rasu u li mhux marbut ma' xi ħadd li jimpjegah b'kuntratt ta' impieg jew b'xi tip ieħor ta' relazzjoni b'ġerarkija tax-xogħol, li huwa liberu li jorganizza l-attivitajiet relevanti tax-xogħol, li l-introjtu tiegħu jiddependi direttament mill-profitti magħmula u li għandu l-libertà li, individwalment jew permezz ta' kooperazzjoni bejn sewwieqa li jaħdmu għal rashom, ikollu relazzjonijiet kummerċjali ma diversi klijenti.

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, dawk is-sewwieqa li ma jissodisfawx dawn il-kriterji għandhom ikunu suġġetti għall-istess obbligazzjonijiet u jibbenefikaw mill-istess drittijiet bħal dawk li hemm provvediment dwarhom għall-ħaddiema mobbli b'din id-Direttiva;

[…]"

*Id-dritt Spanjol*

7 Skont l-Artikolu 1 tat-test rivedut tal-Ley del Estatuto de los Trabajadores (liġi dwar l-istatut tal-ħaddiema), approvata bir-Real Decreto Legislativo 1/1995 (Digriet Leġiżlattiv Irjali 1/1995), tal-24 ta' Marzu 1995 (BOE Nru 75, tad-29 ta' Marzu 1995, p. 9654), fil-verżjoni tagħha applikabbli fid-data tal-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem l-"Istatut tal-Ħaddiema"):

"1. Din il-liġi tapplika għall-ħaddiema li jagħtu s-servizzi tagħhom volontarjament b'remunerazzjoni fl-interess ta' ħaddieħor fil-kuntest tal-organizzazzjoni u taħt id-direzzjoni ta' persuna fiżika jew ġuridika oħra, msejħa l-persuna li timpjega jew l-imprenditur.

[…]

3. Huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-liġi:

[…]

g) b'mod ġenerali, kull xogħol magħmul fil-qafas ta' relazzjoni differenti minn dik iddefinita fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu.

Għal dan il-għan, titqies bħala eskluża mir-relazzjonijiet ta' xogħol l-attività eżerċitata minn persuni li jipprovdu servizzi ta' trasport koperti minn awtorizzazzjonijiet amministrattivi fil-pussess tagħhom, magħmula, b'korrispettiv tal-prezz korrispondenti, bl-għajnuna ta' vetturi kummerċjali ddedikati għal attivitajiet ta' trasport li huwa s-suġġett ta' leġiżlazzjoni speċifika u li dawn il-persuni huma proprjetarji tagħhom jew li fir-rigward tagħhom huma għandhom setgħa ta' dispożizzjoni diretta, anki jekk dawn is-servizzi huma pprovduti b'mod kontinwu lill-istess operatur jew negozjant.

[...]"

## It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

8 Fit-2 ta' Ġunju 2008, J. M. Pérez Retamero kkonkluda ma' TNT kuntratt imsejjaħ "kuntratt 'legali' ta' provvista ta' servizzi ta' trasport". Konformement mal-kuntratt imsemmi, TNT kienet fdat lil J. M. Pérez Retamero l-inkarigu li jgħabbi u li jwassal merkanzija fit-territorju ta' Cataluna (Spanja), li jimla u li jipprovdi dokumenti bil-għan tal-ħruġ mid-dwana, billi indikat istruzzjonijiet preċiżi għat-twettiq ta' din l-operazzjoni, biex jgħabbi, jaħżen, iħott u jneħħi mill-ħażna l-merkanzija ttrasportata u, finalment, biex jamministra l-irkupru tal-ammonti relattivi għal merkanziji li jitwasslu jew jiġu kkunsinnati. Barra minn hekk, dan il-kuntratt kien jipprovdi li TNT setgħet tibdel b'mod sħiħ jew parzjalment u b'mod unilaterali l-prinċipji u r-regoli applikabbli għas-servizzi ta' trasport. Kien ingħata telefon ċellulari b'sim card ipprovduta mill-operatur Vodafone lil J. M. Pérez Retamero, sabiex dan ikun jista' jwettaq xogħolu. Ukoll konformement mal-kuntratt imsemmi, J. M. Pérez Retamero kellu jissottoskrivi assigurazzjoni ta' trasport u, f'kull każ, jassumi r-responsabbiltà għat-telf jew għall-qerda tal-merkanzija kif ukoll għad-dewmien fil-kunsinna. It-tul inizjali tal-istess kuntratt kien ġie ffissat għal sitt xhur. Madankollu, dan seta' jiġi estiż għal perijodi suċċessivi tal-istess tul. Ir-remunerazzjoni għas-servizzi pprovduti mill-persuna interessata kienet tikkonsisti f'somma f'daqqa dovuta għal kull jum ta' xogħol u kienet titħallas kull xahar. Il-kuntratt inkwistjoni kien jistabbilixxi li l-vettura użata kellha turi l-kuluri kif ukoll ir-reklamar magħżul minn TNT. Barra minn hekk, J. M. Pérez Retamero kien iddikjara li kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju ta' attività ta' trasport. L-Anness I għal dan il-kuntratt kien jipprovdi li t-trasportatur ikollu superviżur.

9 Il-kuntratt imsemmi ġie estiż jew oħrajn ġew konklużi sussegwentement, iżda l-kontenut ta' dawn il-kuntratti baqa', essenzjalment, l-istess.

10 Minn Jannar 2014, filwaqt li wettaq dejjem l-istess xogħol, J. M. Pérez Retamero beda jiffattura s-servizzi pprovduti lil Sapirod, inkarigata minn TNT biex tiżgura s-servizzi ta' trasport ikkonċernati. Il-karti ta' aċċess għall-installazzjonijiet ta' TNT kienu direttament maħruġa minnha lit-trasportaturi. Fuq din il-karta, J. M. Pérez Retamero kien iddefinit bħala "sewwieq impjegat".

11 J. M. Pérez Retamero kien proprjetarju ta' vann li l-piż totali ta' tagħbija awtorizzata tiegħu kienet ta' 2 590 kg u li għalih huwa kellu liċenzja ta' trasport li tawtorizzah iwettaq servizzi ta' trasport.

12 Fis-17 ta' Frar 2015, Sapirod informat verbalment lil J. M. Pérez Retamero li din ma setgħet tipproponilu iktar ebda servizz ta' trasport. Din l-informazzjoni ġiet ikkonfermata b'ittra tas-6 ta' Marzu 2015.

13 Fis-17 ta' Marzu 2015, J. M. Pérez Retamero ppreżenta kawża quddiem il-Juzgado de lo Social de Barcelona (qorti tax-xogħol ta' Barcelona, Spanja), għall-konstatazzjoni li dan kien marbut ma' Sapirod b'kuntratt ta' xogħol u li għalhekk, it-tkeċċija tiegħu kienet illegali. Minbarra din it-talba, dan sejjaħ fil-kawża lil TNT għal tpoġġija għad-dispożizzjoni illegali ta' ħaddiema u, għalhekk, talab li dawn iż-żewġ kumpanniji jiġu kkundannati *in solidum*.

14 Insostenn tar-rikors tiegħu, J. M. Pérez Retamero osserva li l-kriterji jew elementi kollha li jikkaratterizzaw relazzjoni ta' xogħol, bħas-subordinazzjoni, ix-xogħol imwettaq għal ħaddieħor u l-inklużjoni fl-organizzazzjoni ta' impriża, kienu preżenti, b'tali mod li, f'dan il-każ, kellu jiġi konkluż li jeżisti, mhux relazzjoni kummerċjali, iżda kuntratt ta' xogħol. L-esklużjoni oġġettiva magħmula fl-Artikolu 1(3)(g) tal-Istatut tal-Ħaddiema tmur kontra d-Direttiva 2002/15, b'mod li dan ma jistax jiġi kkwalifikat bħala "sewwieq li jaħdem għal rasu", fis-sens tal-Artikolu 3(e) ta' din id-direttiva.

15 Quddiem il-qorti tar-rinviju, Sapirod, b'mod partikolari, sostniet li ma kienet teżisti ebda kontradizzjoni bejn l-Artikolu 1(3)(g) tal-Istatut tal-Ħaddiema u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/15, peress li, f'dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, id-detenzjoni ta' "liċenzja jew ta' awtorizzazzjoni amministrattiva" li tippermetti li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport bit-triq, tikkostitwixxi l-kriterju deċiżiv li jeskludi l-eżistenza ta' relazzjoni ta' xogħol. Il-fatt li d-dispożizzjoni msemmija tad-dritt tal-Unjoni ma tirreferixxix espressament għall-fatt li l-persuna interessata hija l-proprjetarju tal-vettura jew li għandha s-setgħa li tiddisponi minnha huwa irrilevanti.

16 Quddiem il-qorti tar-rinviju, TNT osservat, b'mod partikolari, li mill-premessa 5 tad-Direttiva 2002/15 jirriżulta li din tal-aħħar ma għandhiex teċċedi dak li huwa neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha u li b'hekk din id-direttiva ma tikkostitwixxix strument leġiżlattiv validu biex issir distinzjoni bejn l-eżerċizzju tal-attività ta' trasportatur fil-kuntest ta' relazzjoni ta' xogħol u l-eżerċizzju ta' din l-attività bħala sewwieq li jaħdem għal rasu.

17 Skont il-qorti tar-rinviju, għalkemm l-għan tad-Direttiva 2002/15 ma jikkonsistix fid-definizzjoni tal-kunċetti ta' "ħaddiem impjegat" u ta' "ħaddiema li jaħdmu għal rashom", il-kwalifika inkwistjoni ssir fundamentalment minħabba s-sistema ta' responsabbiltà li hija marbuta magħha. Kieku l-għan tal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport kien jikkonsisti fl-armonizzazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-kunċetti rispettivi ta' "ħaddiem mobbli" u ta' "sewwieq li jaħdem għal rasu", li jinsabu fl-Artikolu 3(d) u (e) ta' din id-direttiva, ikollhom ikunu l-istess fl-Istati Membri kollha.

18 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Juzgado de lo Social de Barcelona (qorti tax-xogħol ta' Barcelona) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-definizzjoni ta' 'ħaddiem mobbli' li tinsab fl-Artikolu 3(d) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/15/KE, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi dispożizzjoni legali interna bħall-Artikolu 1(3)(g) tal-Istatut tal-Ħaddiema, li jipprevedi li ma jistgħux jitqiesu 'ħaddiema mobbli' l-persuni li jipprovdu servizzi ta' trasport koperti b'awtorizzazzjonijiet amministrattivi li għandhom, ipprovduti, […] bl-għajnuna ta' vetturi […] li fir-rigward tagħhom [huma] għandhom il-proprjetà jew setgħa diretta ta' dispożizzjoni, […]?

2) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2002/15/KE […] għandu jiġi interpretat fis-sens li jekk l-ebda kriterju ma jkun issodisfatt jew kriterju wieħed ikun issodisfatt għal persuna sabiex titqies 'ħaddiem mobbli' [sewwieq li jaħdem għal rasu], għandu jfisser li l-persuna kkonċernata hija 'ħaddiem mobbli'?"

**Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari**

19 L-ammissibbiltà tad-domandi preliminari ġiet ikkontestata minn Sapirod, TNT, mill-Gvern Spanjol u mill-Kummissjoni Ewropea, fl-osservazzjonijiet bil-miktub rispettivi tagħhom, b'mod partikolari minħabba li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/15 u li b'hekk, l-interpretazzjoni ta' din id-direttiva ma hijiex neċessarja għas-soluzzjoni tat-tilwima.

20 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-proċedura prevista fl-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali. Minn dan isegwi li huma biss il-qrati nazzjonali, li qed jisimgħu l-kawża u li għandhom ir-responsabbiltà li jagħtu d-deċiżjoni ġudizzjarja, li għandhom jiddeterminaw, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża, kemm il-ħtieġa għal deċiżjoni preliminari sabiex ikunu jistgħu jaqtgħu s-sentenza kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 1997, Leur-Bloem, C-28/95, EU:C:1997:369, punt 24, kif ukoll tas-7 ta' Lulju 2011, Agafiței *et*, C-310/10, EU:C:2011:467, punt 25).

21 Konsegwentement, peress li d-domandi preliminari magħmula mill-qrati nazzjonali huma dwar l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju, għandha l-obbligu li tiddeċiedi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 1997, Leur-Bloem, C-28/95, EU:C:1997:369 punt 25, kif ukoll tas-7 ta' Lulju 2011, Agafiței *et*, C-310/10, EU:C:2011:467, punt 26).

22 Madankollu, ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi fuq domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandhiex rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex elementi ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi magħmula lilha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2006, Chacón Navas, C-13/05, EU:C:2006:456, punt 33, kif ukoll tas-7 ta' Lulju 2011, Agafiței *et*, C-310/10, EU:C:2011:467, punt 27).

23 Għalhekk, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li r-rifjut ta' domanda magħmula minn qorti nazzjonali jista' b'mod partikolari jiġi ġġustifikat jekk huwa manifest li d-dritt tal-Unjoni ma japplikax, la direttament u lanqas indirettament, għaċ-ċirkustanzi tal-kawża (sentenza tas-7 ta' Lulju 2011, Agafiței *et*, C-310/10, EU:C:2011:467, punt 28).

24 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2002/15 mingħajr ma stabbilixxiet li sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

25 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/15 jirriżulta li din għandha l-għan li tistabbilixxi l-ħtiġijiet minimi b'relazzjoni mal-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol, sabiex tittejjeb il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-persuni li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq, kif ukoll biex tittejjeb is-sigurtà tat-triq u biex jiġu approssimati iktar il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni.

26 Min-naħa l-oħra, konformement mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/15, id-definizzjonijiet stabbiliti minnha huma stabbiliti "għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva". B'hekk, l-interpretazzjoni tal-kunċetti ta' "ħaddiem mobbli" u ta' "ħaddiem li jaħdem għal rasu", iddefiniti fl-Artikolu 3(d) u (e) ta' din id-direttiva, ma tistax taqbeż il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva msemmija.

27 Issa, għandu jiġi kkonstatat li t-tilwima fil-kawża prinċipali, li tirrigwarda rikors għall-kontestazzjoni ta' tkeċċija, ma tirrigwardax kwistjoni relattiva għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, iżda l-punt jekk il-persuna kkonċernata għandhiex tiġi kkwalifikata bħala "ħaddiem mobbli" u b'hekk bħala impjegat għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-liġi tax-xogħol nazzjonali u, b'mod iktar partikolari, tal-liġijiet dwar it-tkeċċija mix-xogħol.

28 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li tilwima bħal dik fil-kawża prinċipali ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/15 u li konsegwentement, il-kunċetti li jinsabu fl-Artikolu 3(d) u (e) ta' din id-direttiva ma jistgħux japplikaw għal din it-tilwima.

29 Isegwi li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(d) u (e) tad-Direttiva 2002/15 ma hijiex neċessarja għar-riżoluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali.

30 B'hekk, għandu jiġi kkonstatat li d-domandi li huma s-suġġett tat-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Social de Barcelona (qorti tax-xogħol ta' Barcelona) huma inammissibbli.

**Fuq l-ispejjeż**

31 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**It-talba għal deċiżjoni preliminari ppreżentata mill-Juzgado de lo Social de Barcelona (qorti tax-xogħol ta' Barcelona, Spanja) hija inammissibbli.**

Firem